MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1522/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar l-Hamis 6 ta' April 2006**

**Numru fuq il-lista : 6**

**Talba Numru : 1522/05**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143)**

**hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Moira Dietzsch ( I.D. 155164M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Moira Dietzsch**

**Vs**

**David Andrew Shields (I.D. 545971M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl- 14 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' erbgha mija wiehed u sittin Liri Maltin u tmenin centenzmu (LM461.80) ghar-ragunijiet ndikati fl-istess Avviz, bl-ispejjes u bl-imghax kif hemmhekk mitluba;

Ra r-risposta tal-konvenut tal-11 ta' Awissu 2005;

Ra l-provi kollha prodotti mill-partijiet, inkluz x-xhieda u d-dokumenti esebiti;

Ra d-dikjarazzjoni tal-konvenut fis-seduta tat-22 ta' Frar 2006 li permezz taghha ddikjara illi l-quantum tad-danni ma kienux qed jigu kkontestati;

Sema' t-trattazzjoni  ta' l-abbli Avukati difensuri tal-partijiet;

Ra d-dikjarazzjoni tal-partijiet tat-22 ta' Frar 2006 li permezz taghha ddikjaraw illi l-kawza setghet tithalla ghas-sentenza  ghall-llum;

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tikkoncerna incident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta' Dicembru 2004 f' Mdina Road, Qormi, bejn vettura CAQ – 672 tal-marka Peugeot misjuqa mill-attrici u vettura/truck bin-numru AHQ- 045 misjuq mill-konvenut.

Illi l-attrici stqarret mal-Warden illi nvestiga l-kollizzjoni illi " ….. rajt illi mhux ser nghaddii – waqaft u l-vettura involuta baqat ghaddejja ….."
( fol 16 u fol 21)

Illi l-Warden 273 Eric Sciberras stqarr illi l-verzjonijiet illi tawh il-partijiet nvoluti fil-hin ta' l-incident qeghdin fil-fatt mnizzlin fit-traffic accident report (fol 13).

Illi fix-xhieda taghha l-attrici qalet li kienet miexja bil-mod fit-traffic "I was waiting my turn fit-traffic.. konna mexjin tikka tikka u kif rajt li ma ahniex ser nghaddu jiena u t-trailer f'daqqa, waqaft biex jghaddi t-trailer" ( fol 40).

Illi dan kollu jmur biex juri illi l-attrici ntebhet tard wisq illi hi flimkien mat-truck misjuq mill-konvenut ma setghux jghaddu flimkien, u kollox juri, anzi partikolarment mill-istess verzjoni illi tat l-attrici lil Warden u kif sostnuta quddiem it-Tribunal, illi l-attrici immiskalkolat l-possibilita' taghha illi tghaddi flimkien mat-truck li habtet mieghu.

Illi jirrizulta mid-dinamika ta' kif jirrizultaw illi graw l-affarijiet, illi l-attrici poggiet ruhha fi stat ta' periklu ta' incident illi in effetti avvera ruhu, u seta' facilment jigi evitat li kieku ikkalkolat minn qabel illi ma setghetx tghaddi flimkien u kontestwalment mat-truck.

Illi l-abbli Avukat ta' l-atturi ssostni illi t-truck ma kienx fil-pozizzjoni tieghu u kien qieghed wisq lejn ix-xellug b'mod illi habat mal-vettura  illi kienet fi triqtha u fil-karregjata taghha.

Illi t-tribunal pero` josserva illi ghalkemm fl-isketch t-truck veru jidher fuq ix-xellug u mhux fil-karregjata tieghu, pero` kif indikat a fol 22, d-distanzi 'E-F' u 'G-H' huma identici, filwaqt illi d-differenza bejn 'I-J' u 'K-L' hija ta' punt 4 ta' metru, ghalhekk kif mpengi t-truck fuq l-isketch iqarraq bik, oltre` l-fatt illi kif ammess mill-Warden fix-xhieda tieghu u kif indikat a fol 23, il-curva fit-triq mhux riflessa fl-isketch.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ikollu jikkonkludi illi l-incident sehh tort ta’ imperizja u negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti da parti ta’ l-attrici.

Ghaldaqstant, wara illi ha konjizzjoni tax-xhieda, tad-dokumenti u wara li sema’ t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, b’ekwita`, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici filwaqt illi jiddikjara illi l-incident de quo sehh unikament tort l’imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess attrici.

Bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------